# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 108/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Falzon**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Mario Falzon**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 565456(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana kif ukoll tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT):

a. fil-11 ta' Mejju 2014 ġewwa Palumbo Shipyard instab li xjentement gie fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, billi bbarka jew għin jew kellu b'xi mod ieħor x'jaqsam f'illi jiġu bbarkati 50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna bla dazju, minn fuq il-

bastiment Morina u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti;

b. fl-istess data u cirkostsanzi fixkel l-Uffiċjali tad-Dwana fl-esekuzzjoni ta' dmirijiethom jew fil-qbid ta' dawn is-sigaretti, meta dan ma waqafx u ma ħallix lill-istess Uffiċjali jsir dak l-eżami wara li ħareġ minn Palumbo Shipyard bil-vettura Toyota Land Cruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni CBS 614;

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u jew ristretti u/jew limitati, għandhom Valur Totali ta' €290, Dazju tas-Sisa dovut ta' €1,500 kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), li jammontaw għal €167.04 u €352.27 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kinux ġew imħallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur ta' Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII ta' l-1998);

c. akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati mill-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Dan bi ksur ta' Artikoli 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(j)(k), paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikoli 62, 68(1), 69(1)(2) u 70(2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll ta' Artiklu 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tikkonfiska l-vettura u l-bastiment maqbuda skont in-Noti ta' Qbid Numru 23/2014 u 22/2014 rispettivament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti, wara li

rat Artikoli 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(j)(k), paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62, 68(1), 69(1)(2) u 70(2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta), Artikolu 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta), u Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux ħati ta' l-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni dedotti kontrih u lliberatu minnhom, iżda sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' ħamest elef u Euro u tnax-il ċenteżmu (€5,001.12). Il-Qorti, wara li rat Artikoli 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll it-talba sabiex tikkonfiska l-vettura u l-bastiment maqbuda skond in-Noti ta' Qbid Numru 23/2014 u 22/2014 rispettivament, ċaħdet it-talba stante li l-imputat ġie liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-16 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi: 1)* ***tikkonfermaha*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Mario Falzon mhux ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u tikkonferma illi sabitu ħati tat-tieni akkuża kif ukoll li hija korrettament imponiet l-ammont tal-piena; 2)* ***tirriforma*** *dik il-parti tas-sentenza sabiex terz minn dik il-multa li ġiet inflitta fuq l-imputat, tkun hekk iddikjarata bħala dejn ċivili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana u skont kif jitlob l-ewwel proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2021 miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għar-Rikors tal-appell tiegħu.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 miżmuma quddiem din il-Qorti kif preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Ġunju 2020.

Illi għal kull buon fini jingħad li mis-sentenza appellata kien appella wkoll l-appellat Mario Falzon fejn huwa talab li jiġi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni biex b'hekk jiġi liberat minn kull ħtija u piena. Minkejja dan, l-appell tal-appellat Falzon ġie dikjarat deżert minn din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 332).

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu. F'dan l-aggravju, l-appellant ħassu aggravat mis-sentenza appellata u jisħaq li l-Ewwel Qorti ma ordnatx li terz minn l-ammont li l-appellant allura imputat kien ikkundannat iħallas jiġi dikjarat bħala dejn ċivili addebitat li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali għajr li minn qari ta' Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet Malta jirriżulta li kull min b'kontravvenzjoni tal-Ordinanza in kwistjoni jagħmel wieħed mir-reati hemm imniżżla:

> "jeħel, meta jinstab ħati, għal kull wieħed minn dawn ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija

> għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin [...]." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk ifisser li l-appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu u għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha żżid tgħid li terz mill-multa ta' ħamest elef u Euro u tnax-il ċenteżmu (€5001.12) għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**